Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 163 / 2018

Il-Pulizja

Vs

Mark Terence Agius

Illum 16 ta' April, 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Mark Terence Agius detenur tal-karta tal-identita Maltija 50184 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar l-1 ta' Jannar, 2018ghall-habta ta' 3.00hrs, gewwa Sa Maison, il-Pieta' u fil-Gzejjer Maltin;

1. Hebb ghall-Lorraine Bonavia sabiex jingurja, jdejjaq jew jaghmel hsara lill-imsemmija persuna;
2. Haebb ghall-Lorraine Bonavia u kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq l-imsemmija persuna, hek kif iccertifika Dr Steve Sammut Alessi Med. Reg. 5891 u Dr Lydia Grixti Med. Reg. 5891;
3. Ikkaguna biza li ser juza vjolenza kontra Lorraine Bonavia jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi had mill-axxendenti jew dixxendenti ta' l-imsemmija persuna, ahwa subien jew bniet xi persuna msemmija fl-Artiklu 222 (1);
4. Il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' Lorraine Bonavia jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku skond il-provedimenti tal-Art 383 u 412 C tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-23 ta' Marzu, 2018, fejn il-Qorti war li rat l-Artikoli 221 (1), 251 B (1) u 339 (l) (d) tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi imputat hati tat-tielet akkuza kif dedotta mill-Prosekuzzjoni w ghalhekk illiberatu minnha;

In oltre din il-Qorti sabet lill-imsemmi mputat hati tal-ewwel u t-tieni akkuzi kif dedotti mill-prosekuzzjoni w ghalhekk illiberatu minnha.

In oltre din il-Qorti sabet lill-imsemmi mputat hati tal-ewwel u t-tieni akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni w rabtietu b' garanzija personali ghal sena taht penali ta' tmien mitt ewro ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Mark Terence Agius, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-4 t' April, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tvarja s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-tlieta u ghoxrin ta' Marzu tas-sena 2018 billi filwaqt illi tikkonfermaha f' dik il-parti li lliberatu mit-tielet akkuza, tirriformaha f' dik il-parti fejn sabitu hati tal-ewwel u tat-tieni akkuzi, konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u li jikkonsisti fis-segwenti.
Illi bid-dovut rispett jinghad li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti quddiemha.
Illi ghad li huwa minnu u koncess li kien hemm argument fil-vettura, l-esponent jirrileva illi huwa ma kienx il-kagun tal-istess incident u se mai, huwa l-vittma ta' azzjonijiet ripetuti ta' abbuz, vjolenza fizika u psikologika fid-dar fejn il-partijiet kienu jabitaw flimkien, u li l-griehi msemmija huma lkoll griehi li gew ikkagunati filwaqt illi huwa beda jipprova jwaqqaf lill-istess Bonavia milli tkompli tattakkah.

Illi l-esponent jirrileva illi dan mhuwiex l-ewwel incident li nqala` bejn il-partijiet. Dak li ma qalitx Lorraine Bonavia huwa l-fatt sagrosant illi fid-dar, qabel ma l-appellant allontana ruhhu, l-istess Bonavia kienet kissret zewg mobile phones, zewg televisions, u f' incident iehor, hebbet ghall-esponent b' sikkina, fejn wara li dan gie ddenunzjat lill-Pulizija, huwa gie nformat li l-incident kellu allura jispicca l-Qorti. Kien ghalhekk, u ghalhekk biss, li huwa ha d-decizjoni illi jmewwet l-affari f' tentattiv sabiex jikkalma s-sitwazzjoni ta' bejniethom.

Illi altru mill-vittma ta' dak li qieghda tallega Bonavia, l-appellant huwa vittma tas-sitwazzjoni mmanipulata mill-bidu sal-ahhar minnha.

Illi dwar l-incident l-appellant jirrileva illi Bonavia weriet tendenzi li huwa qatt ma kien rahom qabel it-twelid ta' wild il-partijiet. Ghal aktar minn darba tat x' tifhem li xtaqet tnehhi ruhha b' idejha u kien ghalhekk illi l-esponent beza` ghal sahhat l-esponenti meta din fethet il-bieba tal-vettura waqt li kienet miexja u ghamel li seta` biex izommilha idha.

Illi Bonavia fuq il-pedana tax-xhieda elaborat, ziedet u zejnet l-incident u deherilha li dawn il-proceduri kienu l-opportunita` ideali biex tkompli tattakka lill-appellant anke jekk din id-darba mhux b' mod fiziku, u sahansitra bil-gurament taghha allegat illi huwa kwazi kwazi jishet it-twelid ta' ibnu u li jixtieq li qatt ma twieled.

Illi dan mhuwa minnu xejn. il-verita` hija li kien huwa li allontana ruhhu mid-dar ghaliex ma felahx aktar ghall-abbuz taghha u li appena ghamel hekk, talab ghall-access permezz ta' rikors quddiem il-Qorti kompetenti sabiex ikun jista` jaghmel dan minghajr dewmien!

Illi Bonavia tghid ukoll, ghalkemm ma qalet xejn minn dan fil-verzjoni li ddenunzjat lil Pulizija, illi l-appellant esponent kien xurban b' mod esagerat fil-Belt Valletta matul ic-celebrazzjonijiet u li xorob l-inbid f' kull bar li kienu anke jekk kienu bit-tarbija maghhom u li b' xi mod, Alla jista` kollox, hija ddecidiet

tidhol fil-vettura mieghu b' binhom maghhom biex jaslu lura d-dar anke jekk ftit minuti qabel kienet fil-kumpanija ta' membri tal-familja taghha!

Illi dan kollu juri nuqqas ta' kredibilita` fit-tezi li tat quddiem l-Ewwel Qorti Bonavia f' cirkostanzi li fihom l-esponent ma seta` qatt jinstab hati.

Illi l-verita` effettivament hija wahda, u hija dik li ta l-appellant, ossia l-fatt illi wara li huwa pprova jserrah ras l-istess Bonavia li l-minuri kien rieqed u li ma kellhiex ghalfejn thares lejh kull ftit sekondi, din zbroffat f' episodju ta' isterizmu iehor li ormai hija saret sinonima maghhom u attakkatu fizikament. F' sitwazzjoni bhal din, l-esponent seta` biss jiddefendi ruhhu u jzommha milli tkompli tattakkah.

Illi dan kollu jrid jigi kkonsidrat flimkien mal-fatt illi apparti li Boanvia nfexxet f' dawn it-tip ta' incidenti isterici ta' tkissir, tifrik u attakki vjolenti aktar minn darba, fl-istess hin tat x' tifhem f' diveri episodji separati li hija kienet ukoll sejra twegga` lilha nnifisha, kif ser jigi pprovat ulterjorment.

Illi finalment ghalhekk, il-griehi li rrizultaw gew ikkagunati f' kuntest li fih l-esponent appellant fl-ebdi hin ma hebb ghal Bonavia bil-hsieb li jikkagunalha dawn il-feriti, u bid-dovut rispett, il-griehi li gew ikkagunati f' dan il-kuntest, fl-ebda hin ma jistghu jitqiesu bhala prova ta' htija ghal dak li ghandu x' jaqsam mat-tieni imputazzjoni stante li l-element tal-mens rea huwa ghal kollox mankanti.

Illi tenut kont ta' dan kollu, l-appellant esponent jirrileva illi l-verzjoni moghtija minnu hija bil-wisq aktar kredibbli u ghaldaqstant, ghandu jigi lliberat minn kull imputazzjoni.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Rat l-affidavit ta' PS 39 Jean Paul Zahra fejn ikkonferma illi nhar l-1 ta' Jannar, 2018 waqt li kien xoghol l-Ghassa l-Belt Valletta, gie nfurmat mill-Ghassa tal-Mosta li Lorraine Bonavia kienet marret tghamel rapport illi kmieni fil-ghodu ghal habta tat-3:00 a.m. waqt li kienet gewwa l-Belt Valletta, inqala' argument bejnha u bejn l-gharus taghha l-appellant, waqt li kienu fil-karozza fit-triq San Kalcedonju, Furjana u dan refa' idejh fuqha u beda jghidilha kliem bhal "*nifqalghek snienek*" u jghidilha wkoll diskors ripetut fis-sens "*int mentali u ghandek bzonn il-kura*". Sussegwentement, Lorraine Bonavia giet mitkellma fejn ziedet xi affarijiet ohra mar-rapport li kienet gia ghamlet gewwa l-Ghassa tal-Mosta. B'mod partikolari xtaqet izzid li meta kienu nizlin in-nizla ta' San Maison, l-appellant waqqaf il-karozza u dak il-hin Lorraine bdiet tghajjat ghall-ajjut u l-appellant baqa' jtiha u hi bdiet turih x'ghamlilha bhala grif u qatghalha l-libsa. Spjegat li komplew imorru lejn Haz-Zebbug u komplew bil-battibekk fit-triq quddiem darhom. Lorraine telqet issib l-ghajnuna izda Mark qabadha bil-forza u jekk riedet tmur ghand ommha, kien se jwassalha, izda appena wasslu hdejn Cortis Timber rega' dawwar fehmtu u qalilha li kellha torqod id-dar, fil-flat. Qalet illi meda dahlu fil-flat, neza' gharwien. Hi baqghet bil-wieqfa bit-tifel fuqha biex traqdu u meta ra li t-tifel raqad, qabad lit-tifel, sabtu fil-cot u qallha li kellu torqod mieghu fis-sodda. Lorraine pproduciet zewg certifikati medici fejn kien hemm indikat li kellha griehi ta' natura hafifa u peress li l-ghada rat aktar tbengil, irrikorriet lejn il-policlinic tal-Mosta fejn inghatat certifikat mediku iehor. Zid jghid li fl-4 ta' Jannar, ghal habta tas-2:00 p.m. l-appellant irrapporta l-Ghassa u gie mitlub jghati l-verzjoni tal-fatt ta' dak li kien gara u dan wara li nghata d-drittijiet tieghu. Spjega li appena telqu mill-Belt Valletta, wara c-celebrazzjonijiet tal-lejliet tal-Ewwel tas-Sena u kienu nizlin lejn San Maison, hi kienet il-hin kollu thares lejn it-tifel u qallha li t-tifel kien owkej u ma kellhiex ghalfejn thares lejh il-hin kollu anke meta hu rieqed. Qal ukoll li ghajja jghidilha li ghandha bzonn il-kura u appena qallha hekk, aggredietu fost hafna ghajjat u storbju. Huwa ddefenda lilu nnifsu u jghid li t-tbengil li kellha madwar il-polz taghha, graw billi qabdilha idejha biex ma ttihx iktar. Spjega wkoll li appena waslu quddiem il-flat Haz-Zebbug waqt li kien ghadu qed jirriversja, qabdet u fethet il-bieba biex tohrog u staqsiha fejn kienet sejra. Telghu fuq, pejjep sigarett, waqt li hija kienet qed tisqi l-baby u wara li poggiet

il-baby fil-cot, ordnatlu jmur inaddaf il-mejda tal-kcina, izda hu rrifjuta peress li kienu t-3:00 a.m., kien ghajjien u ma riedx jizbarazza. Jghid illi hi qabdet it-television, tatu daqqa ta' ponn u kisritu. Qallha biex tieqaf u gibidha fis-sodda u raqdu. L-ghada filghodu gew ommha u missierha u telqet l'hemm bit-tarbija. Mistoqsi jekk il-problemi kienux ilhom ghaddejjin, stqarr illi l-problemi bdew wara li twieldet it-tarbija taghhom, izda saret aktar aggressiva mit-8 ta' Dicembru, 2017 il'quddiem fejn sahansitra rrizulta li anke kien ghamel rapport l-Ghassa tal-pulizija ta' Haz-Zebbug. Dak inhar il-pulizija, kienu kelmuha biex jirrangaw l-affarijiet ta' bejniethom, izda Lorraine, skont dak li gie rrappurtat mill-appellant, baqghet aggressiva fejn anke kisret il-kexxun tad-detergents, zewg platti, zewg telephones cellular u zewg televisions. Huwa gie wkoll assistit medikament ghal griehi li kellu ta' natura hafifa.

Semghet lil Lorraine Bonavia tixhed fil-11 ta' Dicembru, 2018 fejn stqarret illi hija kienet marret il-Belt mal-partner taghha lejliet l-Ewwel tas-Sena 2017 u kienet taf illi kuginitha Lara Zammit kienet se tidhol il-Belt mal-partner taghha. Dak iz-zmien il-partner taghha kien missier it-tarbija taghha l-appellant odjern. Ikkonfermat li kellha argument zghir mieghu ghaliex ried johrog bil-karozza z-zghira IQ u hija ma xtaqitx ghaliex hasbet illi l-baby taghhom billi ma jkunx komdu fiha. Huwa nsisti li jmorru b'din il-karozza ghax ma jsibx parking u telqu lejn il-Belt u sabet hafna follol fit-toroq. Marru f'cafeteria li jisimha Café' Ellul biex jevitaw ir-rasssa u qghadu hemm sat-tokki ta' nofs il-lejl. Hija m'ghamlitx kuntatt ma kuginitha ghaliex ir-reception tal-mobiles ma bediex jahdem u baqghu ma ltaqghux sakemm ftit wara t-tokki ta' nofs il-lejl, irnexxilha tghamel kuntatt maghha u qaltilha li kienu qeghdin fit-triq Strada Stretta fejn il-bar Tiko Tiko. Ghaddew minn hdejhom ghax xorta riedu jghadud minn hemm biex imorru ghal karozza u waqftu ftit hdejhom. Hija marret biex tlaqqa lill-appellant ma kuginitha peress li ma kienu qatt iltaqghu qabel u waqt li ltaqghu, huwa baqa' fuq il-mobile ihares l'isfel u b'hekk qisu kisirha u qaltlu biex ikun ta' nies u civiliazzat meta tlaqqghu man-nies. Dak il-hin berraq fiss f'ghajnejha u ghamel idejh ponn.

Wara ddecieda li jidhol fil-bar biex igib flixkun inbid u hija baqghet barra ma kuginitha u l-partner taghha. Naturalment il-baby kienet hdejha. Taf li gie guvni iehor u nghaqqad maghhom u wkoll dahal fil-bar biex igib drink imam ftit minuti wara hareg. Il-partner ta' kuginitha kkummenta ghaliex kif il-partner taghha kien ghadu ma harigx waqt li dan il-guvni dahal u hareg qablu u qghadet tistennieh. Fil-hin hareg u beda jghajjat u jirrepeti u jghidilha l-kliem "trid tara x'hemm gewwa". Qallha li "*tal-blieh l-affarijiet li hemm gewwa*". Qallha li kien talab xi hadd sigarett u tah sigarett u ghaxar ewro. Beda jparla fil-vojt u ghalhekk indunat li kien naqra happy u beda jitlob lil kuginitha tiehodlu ritratt maghha u jghidilha kliem "*hares naqra lejn il-baby ma tmurx issibu mejjet*" u jghid lil kuginitha li hija dejjem thares lejn il-baby. Meta ratu hekk, hasbet li kien ikun ahjar li jitilqu u qamu u telqu. Bdew nizlin lejn il-karozza li kienet ipparkjata fejn kien hemm l-ufficju tal-identity cards u l-appellant il-hin kollu bedha jghajjarha li hija mignuna u li tghaggel biex issuq il-pram. Beda jghajjat biex tistennieh u baqghet miexja titlob li jfittxu jaslu d-dar. Tispjega illi darba ssibu fuq ix-xellug taghha, darba ohra fuq il-lemin, daqqa minnhom taha daqqa ta' sieq fejn kellha ferita u ghandha tigi operata, u jghajjat biex tistennieh ghax kellu bzonn jerga' jmur it-toilet izda minkejja dan kollu ma bdietx taghti kazu u baqghet miexja biex tfittex tasal. X'hin waslu fejn il-karozza, tatu c-cavetta biex jghabbu l-baby, beda jghidilha li hija mghagla, ghabbew il-baby u talbitu biex issuq. Dan irrifjuta ghax qallha li inkella taghtih l-istonku tieghu. F'hin minnhom qabad triq ohra u kkorregietu u malli nduna hekk li qabad triq b'ohra, beda jitkellem hazin ghax kien se jsib it-traffik li kien hemm f'dik id-direzzjoni. Beda jghidilha li dak inhar bil-fors ried ikollu x'jaqsam maghha, hargu mill-Furjana, waslu hdejn id-Depot fejn kien hemm daqxejn ta' slow traffick, harset lura fis-seat ta' wara biex tara li t-tifel kien owkej u rega' beda jghajjarha li hi mignuna, li ghandha bzonn il-kura, li ghandha bzonn il-kalmanti ghax il-hin kollu thares lejn il-baby u ma taghtix kazu. Qaltlu biex jieqaf minn dan it-tghajjir pero' qallilha li ma setax ghax verament kellha bzonn il-kalmanti. Qaltlu li ma setghetx tibqa sejra f'din il-hajja u dak il-hin qabdet il-mobile biex iccempel lil missierha u malli ra hekk, ipprova jiehdolha l-mobile lura. Hi bdiet tingibed lura mas-seat izda taha daqqa fuq sidirha u hadilha l-mobile u tefghu fil-pocket tal-genb tal-bieba tal-karozza tan-naha tieghu.

Baqghu nizlin b'id wahda jzomm l-isteering u bl-ohra jaghtiha fejn gie gie. F'hin minnhom biex tilqa' d-daqqiet laqtitu fuq wiccu. Dak il-hin irrabbja, tefa' mal-genb fejn kienu waslu hdejn ir-roundabout tar-restaurant ta' San Maison, beda jhares fil-mera u jghidilha "x'ghamiltli, x'ghamiltli". Fethet il-bieba tal-karozza biex titlob ghall-ghajnuna, pero' dak il-hin fl-istess istint, hasbet li jekk tinzel mill-karozza, l-appellant jitlaq bit-tarbija u ghalhekk regghet telghet fil-karozza u ghalqet il-bieb mill-ewwel. Hemmhekk kompli jtiha, qatghalha nifsejha, qalalha difer u saq direzzjoni lejn Haz-Zebbug bi speed eccessiv. Minn hemm il'quddiem ma tkelmitx iktar ghax hasset li kien ghar u dan beda jghid li xeba' minn din il-hajja u li l-baby hadlu hajtu u l-hajja ta' qabel kienet ahjar u rega' beda jghajjarha li mignuna. Kull ma qaltlu kien li ma tridx tmur fil-flat izda riedet tmur ghand il-genituri taghha. Dan beda jghidilha li postha kien fil-flat u li kienet se toqtol il-genituri taghha bl-inkwiet.

Waslu Haz-Zebbug u dak il-hin baqa' bil-karozza startjata, staqsiha x'kienet se taghmel u ghal darba ohra qaltlu li ma rieditx tinzel hemmhekk. Ipparkja, tefa' l-karozza, gibidha fuqu u ghamillha idejh ma halqha u hemmhekk bdiet thoss li qed jinqata' nifsejha, bdiet tippanikja, bdiet taghti b'idha u b'saqajha, kif gie, gie, filwaqt li thares lura lejn il-baby li kien ghadu rieqed. Umbghad telaqgha, nizlet tigri mill-karozza, marret tiftah il-bieba ta' wara biex tohrog il-baby u pprova jaghlaq il-bieba u kieku ma ngibditx lura, kien jghalqiha idejha. Kif ratu li hareg mill-karozza, ftakret li kellha l-mobile li kien hadilha qabel u marret ghalih. Qasmet faccata biex iccempel lil missierha, izda dak il-hin tela fil-karozza u pprova jilhaqha bil-baby fuq wara. Ghalhekk waqfet u m'ghamlitx it-telefonata. Mar fuqha fuq il-bankina, talabha x'riedet tghamel u jekk rieditx iccempel lil missierha u wegbitu fl-affermattiv, gibidha lejn il-karozza, saqha ghal Mosta bi speed eccessiv u ghax hasbet li kienu se jahbtu, pero' appena wasslu fejn ir-roundabout ta' fejn hemm Cortis Timber, flok gibed lejn il-Mosta, u lejn H'Attard, dar lura u qallha li ma ried iwassalha mkien u li postha kien fil-flat mieghu u wissiha biex ma tghid xejn lill-genituri taghha. Wasslu fit-triq tal-flat, ipparkja, nizzlu mill-karozza, marret tnizzel lit-tifel u rat lill-appellant ipejjep sigarett. Telghet fil-flat u bdiet tahseb jekk kellhiex iccempel lil missierha izda bezghet li l-appellant jidhol fuqha, isibha ccempel u jerga' jinqala' panic u

ghalhekk hasbet li kien ikun ahjar li tistennieh jorqod qabel ma ccempel. Ftit wara, dahal fil-flat u ma kienitx taf x'se tghamel, dahlet fil-bedroom bit-tifel fuqha, intefghet f'kantuniera bil-wieqfa. L-appellant mar fil-bathroom, neza' l-hwejjeg, mar hdejha u qallha "*ara if int mignuna. It-tifel rieqed u ha tibqa' zzommu f'idejk*". Ma kelmitu xejn, gibidha, mbuttaha, u beda jghidilha li tibki ikrah u li jekk itiha daqqa joqtolha, jifqala' sniena u aktar ma tkellmux aktar beda jirribella. F'dhin minnhom qabdillha t-tifel b'salvagizzmu, tefghu fil-cot u gibidha ghal gos-sodda u regghet marret tittawwal lit-tfel. Dak il-hin it-tifel fetah idu, beda jidhak u l-appellant sabbat fuq it-television u hija qaltlu li t-tifel ma jmissux. X'hin sabbat it-television, ixxaqqaq u beda' jghajjat u jirvilla ghaliex inkiser it-television. Ma bdietx temmen illi minkejja li sabbat lit-tifel, aktar beda jinkwieta fuq it-television. Ma felhitx iktar, gibidha fis-sodda u baqghet thares lejn it-tifel. Kienu saru xi l-erbgha ta' fil-ghodu, qamet u marret fil-bathroom u kienet se tiehu shower u nnutat bit-tbengil li kellha madwar gisimha. Marret fil-bedroom, qajmet lill-appellant u bdiet tghidlu b'dak li ghamlilha. Beda jichad li kien hu li ghamlilha t-tbengil. Qaltlu li kienet ukoll sabbtitlu lit-tifel fil-cot izda dana cahdu. Umbghad qallha li jekk ghamilhom hu, sinjal li kienet ghamlitlu xi haga hi. Qallha biex ma tibdiex teqred ghax kien ghadu jisbah, marret fis-salott, cemplet lill-ommha, qaltilha ftit milli gara u qaltilha biex taqbad kollox u tmur ghandhom billi kienu se jmorru ghalihom. Qaltilhom li tiflah issuq, bdiet tippakkja n-necessitajiet tat-tifel u qallha "*sejrin fl-ahhar?*" qaltlu li hasset li kienu fuq zaqqu u wara ftit qabad id wahda ma xaghrha u l-ohra ma qaddha u jigbidha mill-kamra tas-sodda tul il-kurutur u qallha biex tmur f'postha. Dak il-hin il-mobile kien ghadu f'idu, regghet cempel lill-ommha izda qabdu missierha u qaltlu li ma kienx qed ihalliha tippakkja, bdiet tibki u tolfoq. Missierha qabad it-triq lejn Haz-Zebbug u ftit wara sabitu hemm. L-appellant ma kienx jaf lil min cemplet u fil-fatt beda jsaqsiha jekk cemplitx lill-pulizija u ftit wara wasal missierha u l-appellant beda jghin lil missierha inizzel l-affarijiet isfel. Ommha kienet fil-karozza isfel u l-appellant beda jghidilha li kien ilu jghidilha biex titlaq. Umbghad marret l-ghassa u marret il-policlinic li rreferewha ghall-Appogg u hemmhekk inghatat ic-certifikati medici li jinsabu esebiti fl-atti a fol 23 u 24. Esebiet xi ritratti li jindikaw diversi tbengil madwar idha l-leminija kif deskritti fl-istess certifikati

medici. Spjegat illi l-incident li sehh id-dar sehh fl-1 ta' Jannar, ghax kien lahaq sebah. Mistoqsija jekk l-appellant kienx xorob, wiegbet iva u fil-fatt ratu jixrob l-inbid tant li kien anke *happy*. Tikkonferma li hadilha l-mobile ghaliex kienet se ccempel lil missierha.

In kontro-ezami, mistoqsija jekk fil-fatt, fethitx il-bieba waqt li l-karozza kienet in motion, tghid illi le, l-appellant kien gia pparkja, proprju hdejn ir-restaurant ta' San Maison, magenb il-bankina u ddecidiet li tinzel biex titlob ghall-ghajnuna. Mistoqsija jekk qattx tat tifhem lill-appellant li ma kienitx tiflah aktar ghal din ir-relazzjoni, wiegbet iva tant li kienet anke qed tmur ghand l-Appogg. Mistoqsija jekk it-tbengilha f'idha gietx ikkawzata ghaliex l-appellant gibidha biex ma taqbizx mill-karozza, tghid illi l-karozza kienet wieqfa. Mistoqsija jekk qattx bghatet ritratti lill-appellant li kienet se taqbez minn Had-Dingli, tghid li iva bghatet u kemm-il darba qaltlu li riedet tieqaf minn dik ir-relazzjoni. Mistoqsija ghaliex lill-pulizija tathom verzjoni mhux daqstant dettaljata, qalet ghaliex dak il-hin kienet *under panic*.

Illi nhar l-24 ta' Jannar, 2019 xehdet Lara Zammit il-kugina ta' Lorraine Bonavia u spjegat li kien New Year's Eve tas-sena 2017 u kienet marret il-Belt ghac-celebrazzjonijiet. Dahlet il-Belt flimkien mal-partner taghha u tghid li kien hemm hafna nies. Spiccaw f'bar li jismu Tiko Tiko ghax ma kellux hafna nies u bghatet messagg lil Lorraine li kienu hemm u li ma kienx hemm hafna nies u li kien hemm l-imwejjed vojta u qaltilha li bit-tifel ħa tkun komda. F'xi hin wara waslet mal-partner tagħha u bit-tifel u qghadu bil-qieghda hdejhom u xi hbieb taghhom. Kienu barra madwar medja tonda. Hija u l-partner taghha qaghdu man-naħa tal-ħajt u kien hemm is-siġġijiet ta' faċċata taghhom vojta. Imbagħad Lorraine u l-appellant poggew bilqegħda. It-tifel tefghuh fil-ġenb ħalli jekk jgħaddu n-nies Hi kkonfermat li qatt ma kienet iltaqghet mal-partner taghha qabel li gharfet prezenti fl-awla bhala l-appellant. Dak il-hin li ltaqghet mieghu, l-appellant kien fuq il-mobile u lanqas ta kazhom. Baqa' wiċċu l'isfel u baqa' jilgħab fuq il-mowbajl u Lorraine qaltlu li kienet qed tlaqgghu mal-kugini ghall-ewwel darba sabiex jissocjalizza. Dak il-hin ghaqqad idejh tax-xellug bil-ponn u hija fehmet li kien sinjal sabiex ma titkellimx fil-vojt. Imbagħad baqghu

jitkellmu u Mark mar igib drink u kien hemm kopjja ohra li marru jgibu drink pero' dawn lahqu gew lura qablu. Dak il-hin beda jghid lil Lorraine biex thares lejn il-baby u jghidilha "ċċekkja sewwa ara jekk għadux ħaj" u beda jghidilha li Lorraine kienet iffissata fuq il-baby. Spjegat li l-arja bejn il-koppja kienet normali pero' taf li kugintha ddejjqet bih ghax il-hin kollu beda jghidilha li hija ffissata fuq it-tifel u li kienet il-hin kollu qed thares lejn binha. Taf illi f'xi hin mar it-toilet u meta gie lura l-kummenti fil-konfront tat-tarbija zdiedu u tghid li fil-fatt tahseb li kellu xi drink. Wara xi hin taf li telqu wara nofs il-lejl pero' fejn marru ma tafx.

L-appellant xehed fil-21 ta' Frar, 2019 minn jeddu u b'mod volontarja peress illi x-xhieda li huwa taha quddiem il-Qorti tal-Magistrati ma kienitx giet registrata. Ikkonferma illi lejliet l-Ewwel tas-Sena huwa kien niezel lejn San Maison flimkien ma Lorraine Bonavia u t-tifel taghhom bil-karozza gejjin mill-Belt. Waqt li kienu fil-karozza jghid li Lorraine bdiet tiffissa fuq it-tifel li ma kienx qieghed sew. Jghid illi hi ghandha problema ta' OCD bil-fissazzjoni. Jghid li qabel ma dahlu fil-karozza kien gia kellhom argument waqt li kienu ghadhom il-Belt, u fil-fatt anke kien hemm xi tghajjar pero' l-argument fil-karozza inqala' ghaliex bdiet tghid li t-tifel ma kienx qieghed sew fil-karozza pero' dan ma kienx minnu izda kienet biss skuza biex taqla' l-inkwiet. Bdiet tghajru bil-familja tieghu. Jikkonferma li kien sahansitra anke gabilha l-pulizija fit-8 ta' Dicembru, 2017 ghaliex bl-attitudni taghha ma felahx izomm aktar tant li kienet anke griet warajh bi skieken. Dak inhar bdiet tghajru u qaltlu li kienet se ccempel lil missierha u huwa ma riedx peress li kienu t-3:00 a.m. u ghalhekk hatfilha l-mobile minn idejha. Dak il-hin tatu daqqa ta' ponn, girfitu u qal li kellu ritratt fuq il-mobile tieghu li kien wera l-Magistrat fl-ewwel Qorti (dawn ir-ritratti pero' qatt ma gew esebiti fl-atti). Dak il-hin wegga. Mistoqsi jekk ghamilx rapport wiegeb fl-affermattiv u meta staqsiha ghaliex kienet qed tghamillu hekk, wegbitu billi bdiet tghajru u tinsulentah. Jghid li bdiet tghajru b'familtu biex tara jekk jihdarx u bdiet toffendih sahansitra anke bil-mejtin. Dan kollu sehh waqt li kienu ghadhom fil-karozza. Wara li waslu d-dar fil-flat qallha biex tieqaf u qaltlu biex iwassalha ghand ommha u huwa ma riedx peress li kien kmieni fil-ghodu u bdiet tkun aggressiva u beda jzommilha idejha

biex ma tibqax ittih. Jghid li waqt li kienu fil-karozza bdiet tghidlu li kienet se taqbez minn gol-karozza u ghalhekk kien zammha minn idejha u dan ghaliex fil-passat kien hemm anke okkazzjoni meta ppruvajt taqbez. Qal li huwa kien anke tkellem mal-genituri taghha dwar din it-tendenza taghha u kkonferma illi hija fil-fatt dak inhar kienet fethet il-bieba u zammha ghaliex kieku ma zammiex kienet taqbez mill-karozza u l-affarjiet kienu jiġu agħar. Meta kienu god-dar, ghal habta tat-3:00 a.m. Lorraine baqghet ghaddejja bl-argument u qallha kemm-il darba biex tieqaf u bdiet tghidlu biex inaddaf il-kcina ghax kien hemm xi affarijiet tat-tifel. Qallha li dak il-hin ma kienx hin u qabdet u tat daqqa ta' ponn lit-television u kisritu wkoll. Qabadha, dahhalha fis-sodda u qallha biex ma ticcaqlaqx minn hemm. It-television kien Samsung 49" u dan baqa' mkisser. Mistoqsi jekk infurmax lill-pulizija dwar dan, wiegeb fl-affermattiv. Ikkonferma li harget l-ghada tal-incident ma missierha. In kontro-ezami, mistqosi x'jghamel bhala xoghol, wiegeb li jahdem bhala mechanic. Ikkonferma wkoll li meta Lorraine riedet taqbez mill-karozza, il-karozza kienet in motion u mhux vera kienet ipparkjata u fethet il-bieba waqt li idejh kienet fuq l-isteering. Ghalhekk dak inhar waqaf hesrem, ibbrejka u zammha waqt li l-karozza kienet wieqfa. Qabel kien miexi fi 40 jew 50 kilometru fis-siegha. Mhux vera li weggaghha meta hatfilha l-mowbajl. Jikkonferma wkoll li qallha li hija mentali diversi drabi u li hija kienet tiddejjaq meta kien jghidilha dan il-kliem tant li kienet tghajru bil-mejtin tieghu. Ikkonferma li kienet hadet anke counselling u li fil-fatt kienet tiddejjaq hafna meta kien jghidilha li ghandha bzonn il-kura. Mistoqsi ghaliex lill-pulizija ma qallhomx dak kollu li qal lill-Qorti, jghid illi ma jafx. Jista' jkun li kien nesa'. Mistoqsi jekk ghamilx rapport fuq dan l-incident, jghid li ghamel pero' ma jafx meta. Zgur li wara l-Ewwel tas-Sena u mistoqsi jekk setax kien li ghamel ic-certifikat mediku tieghu fl-4 ta' Jannar, meta fil-fatt kien tkellem mal-Pulizija fuq talba maghhom, wiegeb li seta' kien il-kaz.

Ikkunsidrat ulterjorment li jirrizulta minn ezami tal-Appell ipprezentat li l-ewwel aggravju tal-appellant kien fir-rigward li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti quddiemha.

L-appellant isostni illi huwa minnu li kellu argument mat-tfajla fil-vettura, pero' jghid li ma kienx hu il-kagun tal-incident izda semmai huwa vittma tal-azzjonijiet ripetuti ta' abbuz, vjolenza fizika u psikologika fid-dar fejn il-partijiet kienu jabitaw u li l-griehi li sofriet il-kwerelanti gew kagunati meta huwa pprova jwaqqafha milli tkompli tattakkah.

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi[1]
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace[2];
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul[3]
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech[4]
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri[5]
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed[6]
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef[7]
kollha appelli kriminali.

---

[1] deciza fl-14 ta' Frar, 1989;

[2] deciza fil-31 ta' Mejju, 1991
[3] deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
[4] deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
[5] deciza fit-28 ta' April, 1995;

[6] deciza fit-3 ta' Novembru, 1995;
[7] Deciza fit-18 ta' Marzu, 2010

Illi għalhekk, il-Qorti trid tgħamel apprezzament tal-provi kollha prodotti f'din il-kawża. Jingħad illi x-xhieda ta' PS 39 Jean Paul Zahra hija biss effettiva fir-rigward tal-fatt illi kienet il-kwerelanti li rrapportat l-incident in kwistjoni u li effettivament huwa tkellem mal-appellant sabiex jikkonferma dan ir-rapport. Dak li ntqal minnu fir-rigward ta' dak li rrapportat Lorraine Bonavia huwa biss detto del detto u għalhekk għandu jigi kkonfermat minn l-istess kwerelant pero' fir-rigward ta' dak li ntqal lilu mill-appellant, dak kien jikkostitwixxi res geste u għalhekk din il-Qorti sejra tagħti l-importanza dovuta lill-istess xhieda.

Lorraine Bonavia spjegat kif effettivament seħħ l-incident, kif effettivament l-appellant hebb għaliha, ingurjaha u dejjaqha billi qabadha minn idejha u kkagunalha feriti ta' natura hafifa u inoltre għajjarha li hija mignuna u li kellha bzonn il-kura. Illi dan il-fatt m'huwiex kontestat lanqas minn dak li jgħid l-istess appellant lill-pulizija meta huwa gie nterrogat. Anzi jgħid li huwa sahansitra anke qal lill-genituri tagħha li għandha bzonn il-kura għax hija mignuna.

Jirrizulta pero' illi meta l-appellant tkellem ma PS 39 Jean Paul Zahra, huwa fil-fatt ammetta li kien ikkagunalha feriti ta' natura hfief billi għamlilha tbengil fuq il-polzijiet, pero' dak inhar jgħid li dawn saru billi kien qed jiddefendi ruħu mill-aggressjoni tagħha biex ma ttihx iktar. Pero' meta xehed il-Qorti fil-pedana tax-xhieda, huwa jgħid li t-tbengil fil-polz tagħha kien gie kkagunat meta qabdilha idejha biex hi ma taqbizx mill-karozza waqt li kienet għadha in motion. Bonavia tichdu għax tispjega li meta ppruvat tinsel mill-karozza, il-vettura kienet gia wieqfa u għalhekk ma kienx hemm bzonn li huwa jigbidha lura. L-appellant jgħid illi Bonavia hija aggressiva tant li kisritlu platti, television u li anke ikkagunatlu diversi feriti. Jgħid illi huwa kien anke wera ritratt ta' dawn il-feriti lill-Ewwel Qorti pero' prova dwar dan quddiem din il-Qorti ma hemmx.

Għalhekk, il-Qorti tara illi l-ewwel Qorti kellha kull ragun li ssib lill-appellant hati tal-ewwel (1) akkuza.

Fir-rigward tat-tielet (3) akkuza, jinghad illi l-akkuzat gie akkuzat illi huwa kkaguna biza' li ser juza vjolenza fuq il-kwerelanti fl-ewwel (1) ta' Jannar, 2018 u fil-granet ta' qabel. Illi ghalhekk jehtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova course of conduct li jwassal li l-appellant biex jikkaguna din il-biza. Illi pero' mill-provi prodotti jirrizulta illi l-incident kien wiehed isolat u cioe' li beda' lejliet l-Ewwel tas-Sena 2018 u kompla fis-sieghat bikrin tal-ghada filghodu u cioe' incident wiehed. Dan nonostante pero' l-appellant jghid fix-xhieda tieghu li kien hemm diversi incidenti bejniethom fejn il-kwerelanti kienet aggressiva mieghu u li kien xeba' minn dik il-hajja pero' prova illi kien l-appellanti li kien aggressiv mal-kwerelanti ma hemmx fl-atti. Lanqas ma jirrizulta xi rapporti anticedenti li setghet ghamlet il-kwerelanti fil-konfront tal-appellant. Irrizulta biss skont ix-xhieda ta' PS 39 li fil-fatt nhar it-8 ta' Dicembru, 2017 report number 2/D/2679/2017 li kien l-appellant li ghamel rapport fil-konfront tal-kwerelanti.

Il-Qorti tiddikjara li f'dan il-kaz kien hemm nuqqas minn naha tal-Prosekuzzjoni li setghet ressqet lill-genituri tal-kwerelanti biex tikkonferma l-attitudni tal-appellant jew adirittura li tesebixxi xi rapport li saru fil-jiem ta' qabel l-ewwel (1) ta' Jannar, 2018.

Illi fir-rigward tat-tieni (2) akkuza pero' jirrizulta illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha peress illi resqet lil kwerelanti tixhed u tispjega l-feriti li subiet kif konfermati mic-certifikati medici li gew rilaxxjati minn Dr. Steve Sammut Alessi u Dr. Lydia Grixti esebiti fl-atti a fol 8 u 9 tal-process liema zewg certifikati ma gewx kontestati mid-Difiza minkejja li ma gewx konfermati mit-tobba li rrilaxxjawhom u sahansitra anke mill-prezentata tar-ritratti li jinsabu fl-atti a fol 25.

Il-Qorti thoss ghalhekk illi ghal darba ohra l-ewwel Qorti kienet korretta fil-gudizzju taghha fir-rigward ta' din it-tieni (2) akkuza. Ma jirrizultax ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti illi effettivament il-feriti li gew subiti mill-kwerelanti kienu rizultat ta' agir kawzat minn naha tal-appellant fejn huwa kellu jiddefendi ruhu mill-aggressjoni taghha.

Din il-Qorti ma rat li l-appellanti sofra xi feriti in konnessjoni ma dan l-incident. Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward ta' htija kif ukoll fir-rigward tal-piena moghtija b'dan illi t-terminu ta' sena moghtija mill-ewwel Qorti fejn l-appellant intrabat li ma jimmollestax u ma jingurjax lill-kwereleanti taht penali ta' €800 fin-nuqqas ghandha tibda tiddekkorri mil-lum.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur